TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/54/21/S

Emilio Ellul

vs

Vivendo Malta Ltd

Illum 26 ta' Ġunju, 2025

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Emilio Ellul pprezentata fl-24 ta' Marzu, 2021 u kif ukoll ir-risposta tas-soċjetà Vivendo Malta Ltd ippreżentata fid-29 ta' Mejju, 2023;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar kċina li ġiet ordnata fl-1 t'April 2015 u li kellha garanzija ta' 5 snin u li ġiet stallata fit-30 ta' Settembru 2015, pero' skont ir-rikorrenti l-installazzjoni kienet mhux kompluta u kien hemm diversi affarijiet pendenti. Skont ir-rikorrenti dawn il-pendenzi ġew iffinalizzati f'Lulju tal-2016;

Illi skont ir-rikorrenti meta fit-3 t'Awwissu 2020 ir-rikorrenti għamel talba għal bdil ta' *fitting* li kienet imsadda, huwa kien informat illi l-garanzija ma kinitx applikabbli;

Illi fir-risposta tagħha s-soċjetà Vivendo Malta Ltd sostniet illi t-talba tar-rikorrenti m'għandhiex tiġi aċċettata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan l-ewwel ħaġa għax il-garanzija skont l-istess soċjetà intimata kienet skadiet, għalkemm skont id-dati miktuba fir-risposta s-soċjetà intimata tagħmel referenza illi l-garanzija bdiet fis-26 ta' Ġunju 2020 u l-ilment a bażi tal-garanzija tressaq fit-3 t'Awwissu 2020;

Illi min-naħa l-oħra l-istess soċjetà intimata issemmi illi anke li kieku l-garanzija kienet għadha viġenti, l-istess garanzija ma tkoprix dak li ġara lill-kċina in kwistjoni minħabba illi skont l-istess soċjetà intimata dak li ġara kien kawża ta' umdita' eċċessiva fejn ġiet installata l-kċina;

Illi jingħad illi r-rikorrenti Emilio Ellul xehed illi l-appartament tiegħu jinsab fit-tielet sular u għalhekk skont hu ma kellux problemi ta' umdita';

Filwaqt illi s-soċjetà intimata sostniet illi dak kollu li ġara kien kawża ta' din l-umdita';

Illi ssir referenza għal Dok EE1 ipprezentat mir-rikorrenti li tirrappreżenta il-konferma ta' l-ordni magħmula minnu u li hi datata l-1 t'April 2015 fejn hemm imniżżel illi din tinkludi garanzija ta' ħames snin fejn hemmhekk m'hemmx ebda esklużjoni relattiva għal din il-garanzija;

Illi d-difiża ewlenija tas-soċjetà intimata tirrigwarda illi l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti jirrigwardaw kollha l-umdita';

Illi t-Tribunal iħoss illi din ma ġietx pruvata *stante* illi appartament fit-tielet sular mhux bilfors ikollu umdita' anzi huwa preżunt illi ma jkunx hemm umdita' minħabba l-għoli fejn jinsab dan l-istess appartament;

Illi jidher biċ-ċar illi l-garanzija ta' ħames snin tibda' minn meta l-installazzjoni ġiet finalizzata u f'dan il-każ minn meta spiċċat l-aħħar ħaġa li ġiet stallata fl-imsemmija kċina;

Illi għalhekk il-garanzija hija applikabbli ġjaladarba din ġiet finalizzata fis-sena 2016 kif anki jikkonferma l-istess Etienne Bonavia *f'email* datata 4 t'Awwissu 2020 mibgħuta lil Matthew Grech ta' Vivendo Group u ppreżentata mat-talba tar-rikorrenti;

Illi dan it-Tribunal iħoss li mill-provi mressqa r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak minnu allegat u ċioe' li ċertu partijiet tal-kċina ma kinux tal-livell mistenni u mhux tal-kwalita' pattwita.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta'

Emilio Ellul u filwaqt li Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà Vivendo Malta Ltd u Jordna lis-soċjeta' Vivendo Malta Ltd billi jibdel il-panewwijiet u l-*fittings* li fuqhom saru l-ilmenti daparti tar-rikorrenti Emilio Ellul, b'dan illi jekk dan ma jseħħx sa tlitt xhur mil-llum, is-soċjetà Vivendo Malta Ltd qed tiġi ordnata tħallas lir-rikorrenti Emilio Ellul is-somma mitluba ta' €3,494.06 (tlett elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi)

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888